MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 797/2008/2

**Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq**

**v.**

**Annamaria Spiteri Debono sew personali kif ukoll fil-kwalita` taghha ta' prokuratrici ta` Caren Preziosi u f'din l-ahhar kwalita` ghall-interess li jista' jkollha l-imsemmija Caren Preziosi**

**Il-Qorti:**

Rat li dan hu appell minn digriet li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' April, 2014, li bih cahdet talba tal-konvenuti biex dik il-Qorti tissopprassjedi sa ma tigi deciza kawza fl-ismijiet inversi, rikors numru 591/13. Fil-kawza odjerna l-attrici qed titlob li tithalla dgawdi hi ukoll mill-fond fiz-Zejtun li tieghu hi ghandha sehem ta' nofs indiviz u li qieghed fil-pussess tal-konvenuta; trid ukoll kumpens tal-uzu esklussiv li l-konvenuta Annamaria Spiteri Debono ghamlet tal-istess fond. Fil-kawza l-ohra, iz-zewg konvenuti qed jitolbu fil-konfront tal-attrici d-divizjoni ta' tliet fondi, inkluza dik fiz-Zejtun meritu ta' din il-kawza. Il-konvenuti qed jghidu li l-kawza taghhom ta' divizjoni ghandha tiehu precedenza fuq dik attwali, ghax il-fondi meritu tal-kawza ta' divizjoni huma d-djar ta' residenza tat-tlett kontendenti, u jekk din il-kawza timxi b'mod awtonomu jista' jkun li r-residenza tal-konvenuta Spiteri Debono tinqasam u dan ikun ta' pregudizzju ghaliha.

Kif inghad, l-ewwel Qorti cahdet it-talba ghas-soprassessjoni u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

Illi l-Qrati taghna ammettew is-soprasessjoni ta` kawza jew ta` procediment meta soprasessjoni tkun spedjenti. (**Kollez Vol XXXIX.I.467** ; Appell Civili – "**Cassar vs Xuereb**" – 12 ta` Marzu 1973). L-ispedjenza ma tistax tkun mera possibilita`.

"Illi hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi l-esitu finali tal-kawza Rik. Gur. Nru. 591/2013 JA la jinfluwixxi u lanqas jincidi fuq **il-mertu tat-talbiet** li Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq ressqet fil-kawza tal-lum ftit anqas minn hames snin **qabel** kontra hutha Caren Preziosi u Annamaria Spiteri Debono.

"Illi fis-sentenza taghha tal-5 ta` Ottubru 1981 fil-kawza "**Degaetano vs Galea et noe**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk : "*Is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-ezitu ta' kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta' din id-dipendenza*".

Illi hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi l-fattur tal-ispedjenza mhuwiex sodisfatt fil-kaz tal-lum.

"Illi hija wkoll il-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi eventwali soprasessjoni ta` din il-kawza pendenti l-esitu finali tal-kawza Rik. Gur. Nru. 591/2013 JA tippregudika lil Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq fir-rigward taz-zewg talbiet illi ressqet fil-kawza tal-lum.

"Illi din il-Qorti tabbraccja l-principju li s-soprasessjoni huwa **rimedju straordinarju** li ghandu jigi applikat biss fejn ikun necessarju fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja (**Kollez Vol XLI.I.507** ; u Qorti Kostituzzjonali – "**Cuschieri vs Onor Prim` Ministru**" – 12 ta` Awissu 1994).

"Illi provvediment dwar soprasessjoni huwa mholli ghal kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta` dan il-kaz, kif riflessi mill-atti

> li pprezentaw il-partijiet, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tal-konvenuta Annamaria Spiteri Debono mhijiex gustifikata u kwindi qeghda tigi respinta."

Ikkonsidrat l-appell tal-konvenuti, jidher li, fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn qed jagixxu b'mod li bl-Ingliz jinghad li "*they are jumping the gun*". Qed iressqu argumenti bhal li kieku l-ewwel Qorti diga` pprrovdiet konformi mat-talbiet attrici u qasmet il-fond fi tnejn (nofs ghall-attrici u n-nofs l-iehor ghall-konvenuti flimkien) kif qed titlob l-attrici. L-ewwel Qorti, pero`, ghadha ma ddecidiet xejn fir-rigward.

L-attrici qed titlob kumpens ghall-okkupazzjoni esklussiv tal-fond da parti tal-konvenuta Spiteri Debono, u li l-Qorti tipprovdi ghat-tgawdija tal-uzu tieghu mill-kontendenti kollha. Kif se tipprovdi ghal dan l-ewwel Qorti ghadu ma jirrizultax, u zgur li l-ewwel Qorti sejra tqis ic-cirkostanzi kollha qabel ma tiddeciedi. Ic-cirkostanza, per ezempju, li l-attrici qed tgawdi b'mod esklussiv fond iehor tal-istess tlett kontendenti gewwa Hal-Lija, huwa fattur li l-ewwel Qorti zgur sejra tqis. Inoltre, l-qsim tat-tgawdija, jekk isir, irid isir billi jigu rispettati l-interessi tal-kontendenti kollha u l-pregudizzju li parti tista' issofri jrid ukoll jigi kkonsidrat. F'kull kaz, divizjoni ta' tgawdija ma jkollhiex influwenza fuq il-meritu tal-kawza l-ohra li hija ghad-divizjoni tal-proprjeta`. Il-meritu ta' din il-kawza, fi kliem iehor, ma jiddependix fuq l-ezitu tal-kawza l-ohra, u la darba ma hemmx id-dipendenza tal-kawza fuq ohra, ma ghandux ikun hemm is-soprasessjoni.

Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, hu car li l-appell tal-konvenuti huwa wiehed null peress illi fit-termini tal-Artikolu 229(1)(m) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, meta qorti in prim istanza taghti digriet li bih ma tilqax talba ghall-waqfien tas-smiegh, appell mid-digriet jista' jsir biss wara l-ghoti tas-sentenza. Kwindi, dan l-appell ma hu xejn hlief fieragh u vessatorju u intenzjonat ghall-hela taz-zmien.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tichad l-istess u tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti tal-10 ta' April 2014, bl-ispejjez relattivi, anke dawk in prim istanza, jithallsu mill-konvenuti appellanti in solidum, u peress li tqis dan l-appell bhala wiehed fieragh u vessatorju, tikkundanna lill-appellanti sabiex, ai termini tal-paragrafu 10 tat-Tariffa A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, ihallsu ukoll, bhala spejjez addizzjonali, is-somma ta' elf euro (€1000) lir-Registratur tal-Qrati.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------